# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 768/2007

## tad-29 ta' Ġunju 2007

## li jistabbilixxi l-prezz minimu għall-bejgħ tal-butir għat-34 sejħa individwali għall-offerti miftuħa fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1898/2005

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ([1]), u partikolarment l-Artikolu 10 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità ma' l-Artikolu 47 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1898/2005 tad-9 ta' Novembru 2005 li jistipula r-regoli għall-impimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 f'dak li jirrigwarda l-miżuri ta' intervent fis-suq tal-butir u tal-krema tal-ħalib ([2]), l-organizzazzjonijiet ta' intervent qed jiftħu sejħa permanenti għall-offerti għall-bejgħ ta' ċerti kwantitajiet ta' butir ta' intervent miżmuma minnhom u għall-għoti ta' l-għajnuna għall-krema, għall-butir u għall-butir konċentrat. L-Artikolu 25 tar-Regolament imsemmi jistipula li filwaqt li jitqiesu l-offerti li jsiru għal kull sejħa partikolari, għandu jiġi ffissat prezz minimu għall-bejgħ tal-butir, kif ukoll ammont massimu ta' għajnuna għall-krema, il-butir u l-butir konċentrat abbażi tad-distinzjoni bejniethom rigward id-destinazzjoni tagħhom, il-kontenut ta' xaħam tal-butir u kif ukoll l-aħħar użu maħsub għalih. L-ammont tal-garanzija għall-ipproċessar imsemmi fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1898/2005 għalhekk għandu jiġi stipulat.

(2) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għat-34 sejħa għall-offerti fil-qafas tas-sejħa permanenti għall-offerti pprovduta mir-Regolament (KE) Nru 1898/2005 il-prezzijiet minimi għall-bejgħ tal-butir ta' intervent kif ukoll l-ammont tal-garanzija għall-ipproċessar imsemmija fl-Artikolu 25 u 28 tar-Regolament imsemmi huma stabbiliti kif jidher fit-tabella fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2007.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2005 (ĠU L 307, 25.11.2005, p. 2).
([2]) ĠU L 308, 25.11.2005, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2107/2005 (ĠU L 337, 22.12.2005, p. 20).

*ANNESS*

**Il-prezzijiet minimi għall-bejgħ tal-butir ta’ intervent u l-ammont tal-garanzija għall-ipproċessar għat-34 sejħa individwali għall-offerti miftuħa fil-kuntest tas-sejħa permanenti għall-offerti msemmija fir-Regolament (KE) Nru 1898/2005**

*(EUR/100 kg)*

| Formuli | | | A | | B | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| L-aħħar użu previst | | | Bit-*tracers* | Mingħajr *tracers* | Bit-*tracers* | Mingħajr *tracers* |
| Il-prezz minimu tal-bejgħ: | Butir ≥ 82 % | Fl-istat | — | — | — | — |
| | | Konċentrat | — | — | — | — |
| Il-garanzija għall-ipproċessar: | | Fl-istat | — | — | — | — |
| | | Konċentrat | — | — | — | — |